# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **498/2018**

**L-INGINIER CARMEL CUSCHIERI** [K.I.NRU. 661556M] **EZERCENTI L-PROFESSJONI BHALA "CAMILLERI AND CUSCHIERI CONSULTING ENGINEERS"**

***VERSUS***

**LUXURY LIVING TECHNOLOGIES LIMITED**
[REG. NRU. C-74593]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Ottubru, 2018 mill-attur li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasu l-ammont ta' elfejn, seba' mija, sitta u erbghin ewro u tmienja u erbghin ewro centezmi (€2,746.48c) rapprezentanti bilanc ta' drittijiet ghal servizzi professjonali rezi u forniti mill-attur lill-konvenut fuq inkarigu tieghu, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attur talab ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, dawk marbuta ma' ittra bonarja tat-2 ta' Ottubru, 2018 u kif ukoll l-imghaxxijiet legali dekoribbli mill-25 ta' April, 2018.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Dicembru, 2018, id-difensur ta' l-attrici gharrfet lit-Tribunal illi, "*fil-mori tal-procediment il-Konvenuta ssaldat is-sorte fl-ammont ta' EUR2746.48 izda l-ispejjes gudizzjarji relattivi ghal*

*dawn il-proceduri baqghu mhux imhallsa u f'dan is-sens qed tipprezenta seduta stante nota spjegattiva ta' dan*" (ara verbal *a fol*. 13 u nota *a fol*. 15). Fl-istess udjenza d-difensur ta' l-attrici "*fid-dawl tan-nota spjegattiva ezebita seduta stante titlob lit-Tribunal illi tinghata sentenza dwar il-kap tal-ispejjes marbuta ma' dawn il-proceduri u f'dan is-sens qed tipprezenta Kapitolu fil-konfront tas-Socjeta' Konvenuta*."

Fl-udjenza sussegwenti, dik tat-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2019, l-istess kapitolu (ara *a fol*. 16) gie mittiehed bhala mistqarr peress li l-konvenuta ma kinitx resqet biex twiegeb ghalih (*a fol*. 17). Dakinhar ukoll xehed l-attur li bil-gurament afferma li s-sorte ta' €2,746.48c gie saldat izda mhux ukoll l-ispejjez gudizzjarji.

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-kumpannija konvenuta – ghalkemm debitament notifikata – ghazlet li ma tikkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 u ghaldaqstant waqghet fi stat ta' kontumacja hekk kif puntwalizzat fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2018.

Bil-fatt li l-konvenuta – skond dak dikjarat bil-gurament mill-attur – issaldat l-ammont ta' elfejn, seba' mija, sitta u erbghin ewro u tmienja u erbghin ewro centezmi (€2,746.48c), li jirraprezenta s-sorte mitlub minnha mill-attur, l-istess giet illi implicitament ikkonfessat li hi kienet debitrici tal-attur. Kif asserit fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament ta' €2,746.48c imwettaq mill-konvenuta huwa, intrinsikament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hi kellha ma' l-attur kreditur.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni implicita taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri ikunu attribwiti lill-konvenuta. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenuta tad-dejn originali, hi attirat lejha l-obbligu accessorju li tindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahal fihom l-attur kreditur taghha ghall-irkupru tad-dejn originali.

L-attur qatt ma rrizerva l-jeddijiet tieghu dwar l-imghaxijiet mitluba fl-att promotur hekk kif wettaq fil-konfront ta' l-ispejjez gudizzjarji fejn espressament esprima d-dritt ghall-indenniz relattiv. Ghat-Tribunal, dan ifisser li l-istess attur ma kienx qed jibqa' jishaq fuq ir-reklam ta' tali interessi. Li kieku kien altrimenti, certament dan il-fatt kien ikun registrat f'xi verbal u certament puntwalizzat fin-nota spjegattiva mressqa fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2018.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jilqa' t-talba attrici kif imfisser *supra*, ossia limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra u konsistentement maghhom, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' elfejn, seba' mija, sitta u erbghin ewro u tmienja u erbghin ewro centezmi (€2,746.48c), peress li dan l-ammont gie saldat mill-kumpannija konvenuta fil-mori tal-proceduri odjerni kif deskritt f'din id-decizjoni, jikkundanna lill-istess konvenuta thallas u tindennizza lill-attur l-ispejjez gudizzjarji kollha marbuta ma' dawn il-proceduri.

Ghal finijiet ta' l-ispejjez marbuta ma' l-ittra bonarja datata 2 ta' Ottubru, 2018, deskritta fl-Avviz tat-Talba (ara kopja taghha *a fol*. 7), it-Tribunal qed jikkwantifika *arbitrio boni viri* d-dritt relattiv fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin ewro u disa' u ghoxrin ewro centezmi (€23.29c).[1]

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[1] F'dan is-sens ara *in re* **Daniel Bugeja noe v. Mariella Borg Magri** (Appell Inferjuri, 4 ta' Dicembru, 2018).